

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2008/2331(INI)

20.1.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar politika komuni dwar l-immigrazzjoni għall-Ewropa: Prinċipji,
Azzjonijiet u Għodod
(2008/2331(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Zdzisław Zbigniew Podkański

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-importanza ta' politika ta' integrazzjoni li tkun ippjanata sew għall-istat ospitanti kif ukoll għall-ħolqien ta' opportunitajiet xierqa għall-immigranti nfushom; iqis li l-politika ta' integrazzjoni għandha tkun multidimensjonali, filwaqt li tiegħu in kunsiderazzjoni ċ-ċirkostanza speċifika ta' kull Stat Membru; iqis ukoll li l-politika ta' integrazzjoni għandha tippromwovi l-integrazzjoni armonjuża u tindirizza kwestjonijiet bħalma huma l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-għarfien tal-kwalifiki professjonali, l-aċċess għas-suq tax-xogħol, is-servizzi soċjali u d-djar, kif ukoll il-parteeċipazzjoni attiva fl-attivitajiet soċjali u kulturali;
2. Jitlob lill-Kummissjoni tiegħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura l-appoġġ finanzjarju għall-integrazzjoni strutturali u kulturali tal-immigranti, inkluża wkoll l-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE bħalma huma “Tagħlim Tul il-ħajja”, “Ewropa għaċ-Ċittadini”, “Żgħażaġħ Attivi” u “Kultura 2007”; jinnota li bosta drabi l-għalliema qajla huma mħejjija għal għadd kbir ta' tfal immigranti fil-klassi u jitlob li jkun hemm taħriġ aħjar għall-għalliema u sostenn finanzjarju xieraq;
3. Jistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti;
4. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw u jappoġġjaw id-direttivi rilevanti: id-Direttivi 2000/78/KE, 2000/43/KE u 2004/113/KE, fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni;
5. Jinnota li l-programmi skolastiċi u ta' tagħlim tul il-ħajja għandhom rwol essenzjali fil-proċess ta' integrazzjoni fl-iżvilupp tal-ħiliet, b'mod partikulari dawk lingwistiċi; iqis ukoll li l-parteeċipazzjoni mingħajr xkiel f'dawn il-programmi ta' taħriġ u ta' tagħlim tul il-ħajja għandhom ikunu jedd u opportunità għall-immigranti li jkunu għadhom kemm waslu;
6. Iqis li l-istrutturi li jilqgħu lill-migranti għandhom ikunu mkejjen miftuħin maħsubin għalbiex jiffaċilitaw l-attivitajiet jew il-programmi kollha li jrawmu skambji kulturali bejn il-migranti u s-soċjetà ospitanti; f'din l-ottika, iqis li huwa essenzjali li f'kull stadju tal-proċess li bih jintlaqgħu, jingħata l-jedd tal-edukazzjoni lit-tfal, li ga kkontemplat minn bosta dispożizzjonijiet internazzjonali;
7. Jappoġġja l-proposti tal-Unjoni Ewropea rigward l-iskema tal-'Blue Card'; iqis, iżda, li dawn l-arranġamenti għandhom iqisu s-sitwazzjoni soċjoekonomika u kulturali partikulari ta' kull Stat Membru kif ukoll il-ħtiġiet tas-suq tax-xogħol tagħhom, u li ma għandhomx jikkontribwixxu għat-“tluq tal-aqwa mħuħ” mill-pajjiżi tal-oriġini;
8. Jenfasizza li l-edukazzjoni u l-integrazzjoni tar-Roma hija waħda mill-kwestjonijiet l-aktar ta' sfida u kkumplikati tal-politiki soċjali u edukattivi Ewropej u jistieden lill-Kummissjoni tikkumbatti attivament id-diskriminazzjoni kontra l-komunità tar-Roma.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	20.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Ivo Belet, Guy Bono, Marie-Hélène Descamps, Věra Flasarová, Milan Gaľa, Claire Gibault, Vasco Graça Moura, Luis Herrero-Tejedor, Ruth Hieronymi, Mikel Irujo Amezaga, Ramona Nicole Mănescu, Ljudmila Novak, Doris Pack, Zdzisław Zbigniew Podkański, Pál Schmitt, Hannu Takkula, Thomas Wise, Tomáš Zatloukal
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Gyula Hegyi, Nina Škottová, László Tőkés, Ewa Tomaszewska, Cornelis Visser
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Berger